BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru.** **09/2012**

**Data tal-pubblikazzjoni:** **9 ta' Jannar 2013**

**Settembru 2012**

**Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro**

Il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro kibret b'EUR81.7 miljun, jew b'0.8%, f'Settembru, għal EUR10.3 biljun (ara Tabella 1). Madankollu, ir-rata tat-tkabbir annwali naqset bi ftit, u niżlet għal 6.3% f'Settembru minn 6.4% f'Awwissu.

Iż-żieda xahar fuq xahar fl-M3 seħħet kollha kemm hi minħabba żieda fil-komponent monetarju intermedju (M2), li kiber b'EUR81.9 miljun, jew b'0.8%. Din iż-żieda kienet megħluba marġinalment minn tnaqqis fi strumenti negozjabbli, li naqsu b'EUR0.2 miljun, jew b'0.1%, minħabba tnaqqis fl-ammont ta' ishma maħruġa mill-fondi tas-suq monetarju f'Malta.

It-tkabbir fl-M2 seħħ l-aktar minħabba l-komponent monetarju ristrett (M1), li kiber b'EUR49.4 miljun, jew b'0.8%. It-tkabbir fil-komponent monetarju ristrett kien dovut kollu kemm hu għal żieda fid-depożiti *overnight*, li kibru b'EUR50.4 miljun, jew b'1.0%, minħabba żieda fil-bilanċi miżmuma minn individwi u intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek. Min-naħa l-oħra, kien hemm tnaqqis żgħir fil-flus maħruġa. Kollox ma' kollox, ir-rata tat-tkabbir annwali fl-M1 baqgħet l-istess f'Settembru, jiġifieri 11.6%.

Matul ix-xahar ta' Settembru, id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas, li wkoll jagħmlu parti mill-M2, kibru b'EUR27.4 miljun, jew b'0.7%. Dan seħħ kompletament minħabba dħul ta' fondi miżmuma minn residenti f'pajjiżi oħra fiż-żona tal-euro, l-aktar kumpaniji privati mhux finanzjarji. Bl-istess mod, id-depożiti li jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew anqas, jiġifieri l-kumplament tal-komponent M2 żdiedu, l-aktar minħabba żieda fil-bilanċi miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji. Kollox ma' kollox, il-komponent monetarju intermedju kiber b'6.6% fuq bażi sena fuq sena, li hu tnaqqis mir-rata ta' 6.7% xahar qabel.

Fir-rigward tal-kontropartijiet tal-M3, il-kreditu lir-residenti f'pajjiżi taż-żona tal-euro naqas b'EUR44.8 miljun, jew b'0.3%. Ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu nbidlet f'waħda negattiva meta laħqet -0.9% f'Settembru tnaqqis minn 6.2% f'Awwissu. Din il-bidla rriflettiet ukoll żieda qawwija fil-kreditu lir-residenti taż-żona tal-euro bejn Awwissu u Settembru 2011.

Fost il-kontropartijiet, il-kreditu lill-gvern ġenerali naqas konsiderevolment, u għeleb żieda fil-kreditu lill-bqija tas-setturi tal-ekonomija. Il-kreditu lill-gvern ġenerali naqas b'EUR96.6 miljun, jew bi 2.5%, l-aktar minħabba tnaqqis fl-ammonti miżmuma mill-banek ta' titoli maħruġa minn gvernijiet fiż-żona tal-euro. Mill-banda l-oħra, il-kreditu lis-setturi oħra kiber b'EUR51.8 miljun, jew b'0.4%, minħabba self mogħti lill-individwi u kumpaniji privati mhux finanzjarji. Kien hemm ukoll żieda fl-ammont miżmuma mill-banek ta' titoli maħruġa minn intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek u kumpaniji privati mhux finanzjarji u li huma residenti f'pajjiżi oħra fiż-żona tal-euro.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn l-IFM Maltin u residenti ta' pajjiżi barra ż-żona tal-euro, naqset b'EUR1.4 biljun, jew bi 13.4%. Dan prinċipalment irrifletta tnaqqis konsiderevoli fl-assi barranin, partikolarment f'self mogħti lill-IFM oħra barra ż-żona tal-euro, kif ukoll fl-ammont ta' bonds ta' gvernijiet ta' pajjiżi barra ż-żona tal-euro. Fl-istess ħin, l-obbligazzjonijiet lejn ir-residenti barranin kibru bi ftit.

Il-kategorija 'il-kontropartijiet l-oħra', li taħdem bil-maqlub tal-M3, naqset b'EUR1.5 biljun, jew b'9.3%, f'Settembru, minħabba tnaqqis f'obbligazzjonijiet oħra (netti). Dan it-tnaqqis irrifletta żieda fl-obbligazzjonijiet ta' banek oħra fiż-żona tal-euro. Tnaqqis fl-obbligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal ukoll ikkontribwixxa, għalkemm b'rata ħafna anqas. B'kuntrast għal dan, kien hemm żieda fid-depożiti tal-gvern ċentrali li parzjalment għelbet dan it-tnaqqis.

**Transazzjonijiet ma' residenti Maltin: depożiti u self**

F'Settembru, id-depożiti ta' residenti Maltin miżmuma ma' IFM Maltin kibru b'EUR33.2 miljun, jew b'0.4%, mix-xahar ta' qabel (ara Tabella 2). Ir-rata tat-tkabbir annwali ma nbidlitx minn Awwissu u baqgħet 5.7%.

Id-depożiti *overnight* żdiedu b'EUR45.9 miljun, jew b'0.9%, f'Settembru minħabba żieda fil-bilanċi miżmuma minn individwi u intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek. Iż-żieda fil-bilanċi tista' tkun kaġun tal-fidi ta' volum sinifikanti ta' stokks tal-Gvern ta' Malta li mmaturaw lejn l-aħħar tax-xahar. Id-depożiti li jinfdew b'avviż sa tliet xhur jew anqas ukoll żdiedu, b'EUR5.4 miljun, jew bi 3.9%, l-aktar minħabba bilanċi ogħla miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji. B'kuntrarju għal dan, id-depożiti li jimmaturaw sa sentejn jew anqas naqsu bi EUR18.2 miljun, jew 0.5%, minħabba tnaqqis fil-bilanċi miżmuma minn intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek.

Il-kreditu maħruġ minn IFM Maltin lil residenti Maltin naqas bi EUR32.3 miljun, jew b'0.3%, f'Settembru. B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali naqset għal 3.8% f'Settembru minn 5.2% f'Awwissu.

Il-waqgħa fil-kreditu totali rriflettiet tnaqqis fil-kreditu lill-gvern ġenerali, li naqas b'EUR69.5 miljun, konformi mal-fidi tat-titoli tal-gvern li ssemma qabel. Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu lill-gvern ġenerali battiet għal 6.4% minn 9.2% f'Awwissu.

B'kuntrarju għal dan, il-kreditu lil residenti Maltin barra l-gvern ġenerali żdied b'EUR37.3 miljun, jew b'0.4%, minħabba żieda fis-self mogħti lill-individwi - l-aktar għall-iffinanzjar ta' xiri tad-djar – kif ukoll lill-kumpaniji privati mhux finanzjarji fis-setturi tal-kostruzzjoni u tal-proprjeta`. Madankollu, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu lil residenti barra l-gvern ġenerali ċediet għal 3.1% f'Settembru minn 4.1% f'Awwissu, minħabba li l-kreditu kien żdied b'ammont akbar bejn l-istess xahrejn fl-2011.

**Assi barranin netti tal-IFM Maltin**

L-assi barranin netti tal-IFM Maltin żdiedu b'EUR66.4 miljun, jew b'0.6%, f'Settembru hekk kif tnaqqis konsiderevoli fl-obbligazzjonijiet barranin kien akbar minn tnaqqis fl-obbligazzjonijiet korrispondenti (ara Tabella 2).[1] It-tnaqqis fl-obbligazzjonijiet barranin irriżulta primarjament minħabba tnaqqis fl-ammont miżmum ta' titoli maħruġa minn residenti barranin u tnaqqis fis-self mogħti lil residenti barranin. Kollox ma' kollox, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-assi barranin netti rrankat xi ftit, u laħqet 9.5% minn 8.3% xahar qabel.

**Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti[2]**

F'Settembru, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa mill-IFM Maltin fuq id-depożiti kollha miżmuma mill-individwi u mill-kumpaniji mhux finanzjarji Maltin niżlet b'punt bażi għal 1.40%.

Sadattant, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax mitluba mill-IFM fuq is-self lill-individwi u kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta għoliet b'żewġ punti bażi għal 4.35%.

Ir-rata medja tal-imgħax imħallsa fuq id-depożiti kienet punt bażi iktar minn dik ta' Settembru 2011, filwaqt li dik mitluba fuq is-self kienet ħames punti bażi inqas minn dik ta' sena qabel.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

[1] L-assi barranin netti jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' residenti fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta. Ir-residenti fil-kumplament tad-dinja jinkludu residenti barra ż-żona tal-euro u residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta.

[2] L-informazzjoni dwar ir-rati tal-imgħax fuq dejn mhux imħallas tkopri d-depożiti tal-IFM f'denominazzjonijiet tal-euro miżmuma mill-individwi u minn kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta u s-self mogħti lilhom. L-individwi jinkludu wkoll istituzzjonijiet li jipprovdu servizz lill-individwi bla qligħ. Kumpaniji mhux finanzjarji jinkludu l-intrapriżi kollha minbarra banek, kumpaniji tal-assikurazzjoni u istituzzjonijiet finanzjarji oħra. Għalhekk, din l-istatistika ma tkoprix is-setturi kollha tal-ekonomija.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM(1)(2)

*€ miljuni*

| | Set-12 | Aww-12 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Set-11 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-AGGREGATI MONETARJI(3)** | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **5,929.1** | **5,879.7** | **49.4** | **0.8** | **5,310.8** | **618.3** | **11.6** |
| Flus maħruġa(4) | 718.7 | 719.7 | -1.0 | -0.1 | 690.1 | 28.6 | 4.1 |
| Depożiti *overnight* (5) | 5,210.4 | 5,160.0 | 50.4 | 1.0 | 4,620.7 | 589.7 | 12.8 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **10,075.9** | **9,994.0** | **81.9** | **0.8** | **9,456.4** | **619.5** | **6.6** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 5,929.1 | 5,879.7 | 49.4 | 0.8 | 5,310.8 | 618.3 | 11.6 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas(5) | 145.7 | 140.6 | 5.1 | 3.6 | 127.3 | 18.4 | 14.4 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas(5) | 4,001.0 | 3,973.6 | 27.4 | 0.7 | 4,018.3 | -17.2 | -0.4 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **10,278.3** | **10,196.7** | **81.7** | **0.8** | **9,672.9** | **605.4** | **6.3** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 10,075.9 | 9,994.0 | 81.9 | 0.8 | 9,456.4 | 619.5 | 6.6 |
| Titoli negozjabbli(6) | 202.5 | 202.7 | -0.2 | -0.1 | 216.5 | -14.0 | -6.5 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **15,960.6** | **16,005.5** | **-44.8** | **-0.3** | **16,104.5** | **-143.9** | **-0.9** |
| Self lill-gvern ġenerali | 3,818.5 | 3,915.1 | -96.6 | -2.5 | 4,834.5 | -1,016.0 | -21.0 |
| Self lil setturi oħra | 12,142.1 | 12,090.4 | 51.8 | 0.4 | 11,270.1 | 872.1 | 7.7 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **8,792.5** | **10,152.7** | **-1,360.3** | **-13.4** | **7,736.4** | **1,056.1** | **13.7** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 32,533.7 | 33,866.2 | -1,332.5 | -3.9 | 28,866.9 | 3,666.8 | 12.7 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 23,741.2 | 23,713.4 | 27.8 | 0.1 | 21,130.6 | 2,610.7 | 12.4 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA (-)** | **14,474.8** | **15,961.5** | **-1,486.8** | **-9.3** | **14,168.0** | **306.8** | **2.2** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 945.9 | 805.6 | 140.3 | 17.4 | 712.9 | 233.0 | 32.7 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 12,505.9 | 12,543.4 | -37.4 | -0.3 | 11,649.1 | 856.9 | 7.4 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 1,022.9 | 2,612.6 | -1,589.6 | -60.8 | 1,806.1 | -783.1 | -43.4 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.

(2) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(3) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(4) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Centrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM. Għall-2008, ġew inklużi l-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija li għadhom ma ssarrfux. Dan għalhekk jirrappreżenta l-ammont li jifdal ta' flus li nħarġu wara li jitnaqqsu l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro (u temporanjament il-flus tal-lira Maltija) miżmuma minn IFM f'Malta.

(5) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

(6) Titoli negozjabbli jinkludu titoli ta' dejn b'maturita' ta' sentejn jew anqas maħruġa minn IFM f'Malta wara li jitnaqqas l-ammont tal-istess titoli miżmuma minn IFM f'Malta li nħarġu minn IFM f'postijiet oħra fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi tas-suq monetarju u ftehim għal xiri mill-ġdid li mhumiex immexxija minn kontropartijiet ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 2: ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF TA' RESIDENTI TA' MALTA U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI(1)

*€ miljuni*

| | Set-12 | Aww-12 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Set-11 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI(2)** | **8,830.1** | **8,796.9** | **33.2** | **0.4** | **8,357.4** | **472.7** | **5.7** |
| Depożiti *overnight* | 5,025.9 | 4,980.0 | 45.9 | 0.9 | 4,477.6 | 548.2 | 12.2 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas | 144.0 | 138.5 | 5.4 | 3.9 | 125.3 | 18.7 | 14.9 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas | 3,660.3 | 3,678.4 | -18.2 | -0.5 | 3,754.5 | -94.2 | -2.5 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **11,150.1** | **11,182.4** | **-32.3** | **-0.3** | **10,742.7** | **407.4** | **3.8** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,453.6 | 2,523.2 | -69.5 | -2.8 | 2,305.8 | 147.9 | 6.4 |
| Self lil setturi oħra | 8,696.5 | 8,659.2 | 37.3 | 0.4 | 8,437.0 | 259.5 | 3.1 |
| **ASSI NETTI BARRANIN** | **12,144.9** | **12,078.5** | **66.4** | **0.6** | **11,087.2** | **1,057.8** | **9.5** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barranin | 43,875.8 | 44,226.0 | -350.2 | -0.8 | 41,318.8 | 2,557.1 | 6.2 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (-) | 31,730.9 | 32,147.5 | -416.6 | -1.3 | 30,231.6 | 1,499.3 | 5.0 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.
(2) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.